**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta tal-Gimgha, 11 ta' Ottubru, 2019**

**Appell numru: 8/17**
**Wara sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bil-Avviz numru: 8/17RM datata 26 ta' Marzu, 2019**

**Jeffrey Francalanza u Alan Darmanin f'isimhom proprju u ghan-nom ta' Glow Promotions u kif ukoll bhala l-organizzaturi tal-kuntest 'Miss Universe Malta 2016'**

**vs.**

**Yanika Borg**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 26 ta' Marzu, 2019 fejn gie deciz kif isegwi:

"Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuta, tilqa' t-talbiet tal-atturi u tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' ghaxart elef Euro (€10,000) ghar-ragunijiet indikati fir-Rikors promotur, bl-imghax jibda jiddekorri mis-17 ta' Jannar 2017.'

2. Din id-decizjoni nghatat wara l-appellati ressqu talba kontra l-intimata appellanti Yanika Borg sabiex l-Ewwel Onorabbli Qorti:

'tikkundanna lill-konvenutaYanika Borg thallashom is-somma kumplessiva ta' ghaxart elef ewro (€10,000) rapprezentanti:

- Penali ta' hamest elef ewro (€5,000) stante li naqset li tippartecipa u tikkompeti fil-kuntest Miss Universe Malta 2016 u dan skont klawsola 3.1 iffirmata minnha; Dok A anness;

- Penali ta' hamest elef ewro (€5,000) stante nuqqas ta' partecipazzjoni f'avvenimenti, promozzjonijiet, sessjonijiet ta' fotografija u attivitajiet ohra versu penali ta' €5000 skont klawsola 3.13 tal-istess kuntratt imsemmi aktar 'il fuq;

2. Thallas l-ispejjez kollha, inkluz

- L-ispejjez tal-ittra gudizzjarja (166A) tat-12 ta' Awwissu 2016 li ggib in-numru 1652/16.

- L-ispejjez tal-prezenti, u

- L-interessi skont l-ghola rata permessa mil-Ligi.'

3. L-intimata appellanti odjerna eccepiet quddiem l-Ewwel Qorti kif isegwi:

'1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom ghal dawn ir-ragunijiet:

a) Illi ai termini tal-artikolu 2 tal-ftehim taht it-titolu "Contestant Eligibility" u senjatament l-artikolu 2.1.5 kundizzjoni ewlenija ghall-eligibilita' tal-kontestanta, ossia l-intimata, huwa "pay the application fee of €350 by the 15/6/2016", il-ftehim kien soggett ghall-kondizzjoni sospensiva in kwantu kellu jithallas id-depozitu sa data preciza, liema depozitu l-intimata fil-fatt ma hallsitx. Ghaldaqstant il-ftehim ma skattax u kull dritt u/jew obbligazzjoni naxxenti minnu waqghu.

b) Illi, di piu, l-artikolu 3.11 tal-istess ftehim jistipula bl-aktar mod inekwivoku li "the contestant hereby binds herself to pay the amount of three hundred fifty euros (€350) to the Organisors as a fee for entry into the Contest." Huwa car li d-depozitu kellu jithallas "as a fee for entry". Kwindi galadarba ma thallasx, l-atturi pro et noe ma jistghu jitolbu l-ezekuzzjoni tal-penali skont il-ftehim, inkella min ma jhallasx id-depositu u ma jippartecipax jigi fl-istess keffa ta' dawk li jhallsu d-depozitu u ma jippartecipawx xorta wahda. Huwa f'dan l-ahhar kaz li jiskattaw il-penali.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.'

4. Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, illum appellata, wara li ghamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

'It-talba tal-atturi f'din il-kawza hija naxxenti mill-allegat nuqqas ta' adempiment da parti tal-konvenuta tal-obbligi minnha assunti fuq skrittura privata konkluza bejn il-partijiet fil-11 ta' Mejju 2016. Permezz ta' din l-iskrittura l-konvenuta ntrabtet a favur tal-atturi illi tippartecipa fil-konkors organizzat mill-istess atturi ntestat "Miss Universe Malta", taht dawk it-termini u kundizzjonijiet elenkati fl-imsemmija skrittura privata ("il-ftehim"). L-eligibbilita` tal-konvenuta li tippartecipa f'dan il-konkors hija regolata b'diversi kundizzjonijiet, ilkoll elenkati fil-klawsola 2 tal-ftehim, fosthom il-kundizzjoni tal-hlas ta' *entry fee* fis-somma ta' €350 sa mhux iktar tard mill-15 ta' Gunju 2016, filwaqt illi d-diversi obbligi tal-partijiet jinsabu elenkati fil-klawsola 3 tal-ftehim.

L-atturi jikkontendu illi l-konvenuta, minkejja li ffirmat il-ftehim u ntrabtet illi tippartecipa fil-konkors u tattendi ghall-attivitajiet, laqghat u avvenimenti ohra skedati bhala parti mill-konkors skont kif maqbul fil-ftehim, u ghalkemm hallset parti mill-*entry fee* u attendiet ghal-laqgha generali fit-13 ta' Mejju 2016 fejn giet imfissra lill-partecipanti l-iskeda tal-attivatjiet u mpenni marbuta mal-konkors, baqghet ma dehritx ghall-*photoshoot* ufficjali li kien skedat ghas-6 ta' Gunju 2016 u lanqas kompliet tippartecipa fil-konkors. L-atturi jsostnu li dan wassal ghall-inadempjenza da parti tal-konvenuta fl-obbligi taghha taht il-ftehim u b'hekk skatta l-jedd taghhom li jesigu l-hlas tal-penali kontemplat fl- Artikolu 3.1 kif ukoll fl-Artikolu 3.13. Dawn il-klawsoli jipprovdu hekk:-

Artikolu 3.1:-

*The Contestant hereby binds herself to compete and take part in the Contest being organised by the Organisers at all dates and times that the Organisers shall deem fit.*

*The default of this obligation subjects the Contestant to a penalty of a pre- liquidated, non-abatable damages in the amount of Euro five thousand euro (€5,000).*

Artikolu 3.13

*The Contestant is, in virtue of this Agreement, binding herself to participate fully and actively in all events, activities, promotions, rehearsals, photo-shoots, contests, competitions, social events, prejudging events, parades, radio, television and newspaper interviews, public appearances at events and all other related or ancillary activities to the contest, as may be dictated by the Organisers, whether before the Contest, during the Contest or throughout the period of validity of this Agreement, inclusive of any period of service owed in light of the Contestant's winning the Contest.*

*The default of this obligation subjects the contestant to a penalty of pre- liquidated, non-abatable, damages in the amount of Euro five thousand (€5,000).*

Il-konvenuta laqghet ghall-kawza billi eccepiet li l-ftehim in kwistjoni kien soggett ghall-kundizzjoni sospensiva, ossia l-hlas da parti taghha tal-*entry fee*, u dan sa mhux iktar tard mill-15 ta' Gunju 2016. Il-konvenuta tikkontendi li l-fatt li hija baqghet ma hallset xejn minn din il-mizata entro t-terminu maqbul ghall-hlas, ifisser li l-ftehim ma skattax u hija ma kienetx iktar marbuta bl-obbligi minnha assunti fuq l-istess ftehim,

fosthom l-obbligu li tippartecipa fil-konkors.

**PROVI**

Il-Qorti rat ix-xhieda mressqa mill-atturi, cioe' l-Affidavit tal-attur Jeffrey Francalanza, l-Affidavit tal-attur Alan Darmanin kif ukoll l-Affidavit ta' Dajana Laketic, u d-dokumenti annessi mal-imsemmija Affidavits.

**In kontro-ezami l-attur Jeffrey Francalanza xehed** illi l-*application fee* kellha tkun fl-ammont ta' tliet mija u ħamsin Euro (€350) u din kienet titħallas sal-15 ta' Ġunju 2016. Huwa qabel li effettivament hemm dan l-obbligu. Rigward il-klawsola 3.11 tal-kuntratt, l-attur qabel ukoll li dan l-ammont kien jirrappreżenta *fee* fuq id-dhul fil-kontest u illi effettivament dan l-ammont kellu jitħallas qabel id-data ndikata biex il-konvenuta tkun eliġibbli għal dan il-kuntest. L-attur ikkonferma ulterjorment illi fit-13 ta' Mejju 2016, il-konvenuta ħalset mija u ħamsin Euro (€150) mill-ammont ta' tliet mija u ħamsin (€350) li kellhom jitħallsu u dawn il-flejjes ġew mogħtija lilu permezz ta' flus kontanti. Qal li mhux minnu dak li qalet il-konvenuta illi ma ħallsithomx, u spjega illi fil-laqgħa li kellhom jumejn qabel fil-ħdax ta' Mejju, il-konvenuta stess kienet avzata wkoll. Ikkonferma li huwa kien ta lill-konvenuta ricevuta u dana mill-invoice book tagħhom stess, liema invoice book gie esebit *animo ritirandi* bhala Dokument S.

L-istess attur rega' xehed in kontro-ezami fl-udjenza tal-24 ta' Jannar 2018 fejn tenna jghid illi fit-13 ta' Mejju meta l-konvenuta hallset id-depozitu ta' €150, hemm diversi rcevuti bħala cash sales fl-invoice book Dok. S, u dawn il-hlasijiet saru minn kontestanti ta' Miss Universe Malta. Mistoqsi jgħid liema minn dawn id-dokumenti effettivament hija dik li ta lill-konvenuta, l-attur wiegeb jgħid li mhux f'pozizzjoni li jghid. Mistoqsi jgħid min huma l-kontestanti l-oħra li ħallsu dakinhar fejn huwa effettivament kien ħareg irċevuta, huwa qal illi mhux f'pożizzjoni li jagħmel dan.

Jeffrey Francalanza rega' xehed in kontro-ezami fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2018, fejn ikkonferma li f'dan il-contest kien hemm hamsa u ghoxrin tfajla. Illi meta telqet Yanika gew 24 kontestanta u ma dahal hadd minflokha ghalkemm lill-konvenuta huwa kien avzaha dakinhar stess tal-photoshoot li ma setghux jaghmlu replacements. Qal li f'messagg mibghut minn Yanika hija ma kinitx qalet li mhux ser tikkontesta izda li riedet titkellem mieghu. Qal li f'messaggi ohrajn jidher li kienu qed jitkellmu anke

dakinhar tax-shoot u dawn fit-3 ta' Gunju, kif ukoll fis-6 ta' Gunju. L-attur ikkonferma li l-konvenuta kienet baghtet messagg fejn qalet li m'hijiex ser ikollha hin tattendi l-attivitajiet. Qal ukoll li minkejja kienet hallset id-deposit, il-kumplament tas-somma ta' €200 kienet ghadha ma hallsithomx sa dakinhar li kienet baghtet il-messagg.

L-attur spjega wkoll illi l-invoice book Dok. S kienu jimlewh kemm hu kif ukoll l-attur l-iehor Alan Darmanin, izda ma setax jindika liema hi r-ricevuta ta' Yanika Borg ghaliex skont hu ghaddew tliet snin.

**L-attur Alan Darmanin** xehed ulterjorment fil-21 ta' Marzu 2018 fejn esebixxa Dokument AD li jikkonsisti f'lista ta' invoices li jirreferu għat-2016 u dan dwar il-competition li kellha ssir in konnessjoni ma' Miss Universe Malta. Sostna illi l-invoices minn 236507 sa 236528 jgħajtu lin-nisa msemmija f'dan id-dokument. L-attur spjega illi kienu attendew it-tfajliet għall-ewwel General Meeting. Fosthom kien hemm preżenti wkoll il-konvenuta.

In kontro-ezami, l-attur Alan Darmanin xehed illi fil-lista Dokument AD ma jidhrux l-ismijiet tan-nies li qed ihallsu izda huma pagamenti li saru mit-tfajliet kontestanti mill-invoice numru 236507 sa 236528. Huwa kkonferma li ma tezistix lista bl-ismijiet u dan il-ghaliex dawn il-pagamenti saru f'daqqa fl- ewwel meeting fejn il-konvenuta kienet prezenti u fejn il-pagamenti bdew dehlin wahda wahda wara xulxin u ghalhekk ma nkitbux ismijiet. Qal pero' li mbaghad l-ohrajn peress li ltaqghu maghhom individwalment, il-kumplament tal-pagamenti u ricevuti tawhomlhom f'isimhom.

L-istess attur ikkonferma li l-pagament li ghamlet il-konvenuta jinsab f'dik il-lista fejn m'hemmx indikati l-ismijiet, u l-pagament huwa wiehed minn fost dawk indikati bin-numri 236507 sa 236528. Qal illi dawk kienu l-partecipanti kollha li kienu prezenti fl-ewwel meeting fejn huma kienu avzawhom permezz ta' messagg ukoll li riedu jgibu deposit maghhom. Bhalma huwa ndikat ukoll fir-ritratt, Yanika Borg kienet prezenti waqt dak l-ewwel meeting mal-kumplament tat-tfajliet kollha, jigifieri hi kienet wahda minnhom. Ikkonferma wkoll li huwa jiftakar l-ismijiet tat-tfajliet kollha, u li hu jiftakar tfajla jisimha Letizia Muscat. Qal illi din t-tfajla kienet hallset u li bi zball qeghdha mnizzla bhala Borg fil-lista. Kompla jispjega illi dak il-hin kien ingabar biss deposit u illi Letizia qeghdha mnizzla bi zball tal-ortogragfija: tfajla b'dak l-isem wahda biss hemm. Qal illi Laetizia kien hemm partecipanta wahda illi kienet giet ghall- ewwel meeting u qeghdha ukoll fir-ritratt. Hija kienet tathom ittra li kienet qed

titlaq mill-kompetizzjoni minhabba ragunijiet ta' xoghol u minflokha kienu dahhlu lil Laetizia Genovese. Laetizia kienet giet riplejsata b' Laetizia ohra li attendiet ghall-finali. Laetizia Genovese ma kinitx prezenti ghall-ewwel meeting u kienet iddahlet wara mal-kumplament tat-tfajliet. Hija ma kinitx prezenti fir-ritratt izda Laetizia l-ohra kienet fir-ritratt mal-kumplament tat- tfajliet.

Alan Darmanin ikkonferma li Laetizia Muscat li kienet habiba ta' Yanika kienet hallset id-deposit. Laetizia Genovese kienet hallset ukoll wara u x-xhud ikkonferma li hemm ircevuta enumerata 236550 a fol. 85.

**Diana Laketic** in kontro-eżami xehdet illi hija kinitx rebhet fil-Miss Universe Malta 2016, qalet li hija kienet giet mal-ewwel tlieta. Din ma kienetx l-ewwel darba li ħadet sehem f'konkors ta' sbuħija ma' Globe Promotions u meta xtaqet tippartecipa f'dan il-kontest u kienet tkellmet mal-atturi u kellhom anke laqgha fejn spjegawlha x'inhi l-procedura, x'kien ser jigri waqt il-konkors u wkoll jekk effettivament kinitx tirbaħ u qalet li kienet iffirmat il-kuntratt fl-ewwel laqgha u saħansitra kienet anki tat deposit għax in fatti kienet qed tfittex sponsor. Is-somma ta' €350 kienet hallsitha kollha, b'deposit inizzjali ta' €150 u nghatat ukoll ircevuta tagħhom.

Mistoqsija jekk effettivament kienx hemm xi data meta hija kellha tagħmel il-ħlas kollu, hija wiegbet illi kien hemm data. Ma tiftakarx jekk effettivament il-pagament kollhu dovut ħallsitux qabel dik id-data jew wara. Mistoqsija wara kemm ħallset il-bilanċ ta' €200, qalet li ma tiftakarx. Tiftakar, izda, li kellhom general meeting fejn kienu ltaqghu l-kontestanti kollha u hemmhekk il-kontenstanti nghataw schedule, gie mfisser lilhom x'kien ser jigri u kienu nfurmati li kellhom jissettiljaw il-fee. Skont ix-xhud, hija kellha sponsor biex tħallas il-kumplament tal-entry fee. Kieku ma kellhiex sponsor forsi ma kinitx tidħol.

**Il-konvenuta Yanika Borg** xehdet fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2017 fejn qalet illi taf li kienet ħa tidħol f'konkors ta' modelling ma' Globe Promotions u dan bħala l-organizzaturi tal-konkors Miss Universe Malta 2016. Tenniet li sabiex tagħmel dan kellha tmur tiffirma kuntratt mas-Socjetà attrici. Hija gharfet il-kuntratt esebit f'dawn l-Atti li huwa datat 11 ta' Mejju 2016 u fuq dan il-kuntratt hija gharfet il-firma taghha, u kkonfermat ukoll li hija ma ħaditx sehem f'dan il-konkors minħabba raġunijiet ta' xogħol. Qalet li sabiex hija tkun tista' tippartecipa skont dan il-kuntratt hija kellha tħallas is-somma ta' €350 (tliet mija u ħamsin ewro). Il-konvenuta spjegat illi hija la tat

depozitu u lanqas ħallset ghal dan l-ammont li jinsab indikat fi klawsola 3.11 u li kellu jitħallas sal-15 ta' Ġunju 2016. Ikkonfermat illi dan l-ammont kellu jitħallas lill-organizzaturi bħala *fee for entry* biex hija tkun eligibbli għal dan il-konkors. Il-konvenuta, meta regghet xehdet fl-14 ta' Dicembru 2017, esebiet kuntratt Dokument Z1 u kkonfermat illi effettivament dan huwa kopja ta' dak esebit fl- atti a fol. 27 *et seq.* (Dokument AJD1).

In kontro-ezami, il-konvenuta xehdet illi l-firma li hemm fuq il-kuntratt a fol. 27 hija taghha u kkonfermat ukoll li hija kienet taf li kienet qed tiffirma kuntratt. Qalet li kien spjegalha dan Jeffrey Francalanza u li hija ffirmat volontarjament u minghajr hadd ma geghla. Illi kienu qalulha li l-kuntratt jigi mal-pagament u hija kienet taf x'qed tiffirma. Il-konvenuta dentifikat lilha nnifisha fir-ritratt, kif ukoll ikkonfermat il-messaggi li kienu ntbaghtu bejnha u bejn Jeffrey Francalanza.

Ikkunsidrat;

Huwa nkontestat illi l-konvenuta ffirmat il-ftehim in kwistjoni u li dan ghamlitu volontarjament u b'konoxxenza pjena tal-obbligi u drittijiet naxxenti mill-istess ftehim. Huwa risaput illi in materja ta' kuntratti, il-principju baziku jibqa' dak li "*pacta sunt servanda*". Dan in kwantu l-kuntratt ghandu sahha ta' ligi ghal dawk li jaghmluh u ma jistax jigi mhassar hlief bil-kunsens ta' xulxin jew ghal ragunijiet mil-ligi maghrufa. Huwa inoltre mistenni li l-kuntratti jigu esegwitu bil-bona fidi u in effetti jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda ukoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix- xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi.

Il-Qorti, wara li fliet bir-reqqa l-kontenut shih ta' dan il-ftehim, hija tal-fehma illi dan ma kien soggett ghall-ebda kondizzjoni sospensiva, kif pretiz mill-konvenuta. Kif imfisser mill-Artikolu 1062 tal-Kodici Civili, il-kondizzjoni sospensiva hija dik illi taghmel l-ezistenza tal-obbligazzjoni tiddependi minn grajja li ghad trid tigri u li mhix certa. L-effett partikolari ta' din il-kondizzjoni huwa li l-obbligazzjoni taht il-kondizzjoni sospensiva ma tezistix qabel ma l-grajja tigri.

Fil-kaz odjern, il-Qorti ma ghandha l-ebda diffikolta' teskludi b'mod assolut li l-obbligu tal-konvenuta li tikkompeti u ppartecipa fil-konkors u fl-attivitajiet kollha marbutin mal-konkors, kien jiddependi b'xi mod mill-hlas tal-*entry fee* da parti taghha, u tqis inoltre bhala mhux fondat it-tezi tal-konvenuta illi fin-nuqqas ta' hlas entro t-

terminu u fl-ammont stipolat, ma kellhomx jiskattaw l-obbligi u drittijiet kontemplati fil-ftehim. Dan jinftiehem bl-iktar mod limpidu mill-assjem ta' diversi klawsoli tal-ftehim, fosthom il-klawsola 3.25, 6.1, 6.2, 7.3 u, b'mod partikolari, il-klawsola 7.1 li jghid hekk:-

"*All conditions, rights or obligations found in this Agreement shall be construed as express resolutive conditions, and hence any violation of such will lead to the disqualification of the Contestant from the Competition as well an an ipso iure absolute forfeiture of the rights contained therein, bringing about the dissolution of such agreement in favour of the Organisers, together with the payment of any damage or amounts still due, and which may be made payable by the Contestant to the Organisers.*" [enfasi tal-Qorti]

Din il-klawsola ma thalli ebda dubju kwalsiasi illi l-ezekuzzjoni tal-obbligi u jeddijiet naxxenti mill-ftehim ma kienu soggetti ghall-ebda kondizzjoni sospensiva kif tippretendi l-konvenuta. Fil-fehma tal-Qorti, il-ftehim gie fis-sehh mal-konkluzjoni tal-ftehim minghajr ma kien jenhtieg l-avverament ta' ebda kundizzjoni biex ikunu azzjonabbli l-obbligi u l-jeddijiet kollha naxxenti mill-istess ftehim.

Mhux talli hekk, talli l-Qorti tqis illi hawnhekk isibu riskontru d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 1067 u 1069 tal-Kodici Civili in materja ta' kondizzjoni rizoluttiva espressa, stante illi fil-kaz odjern, huwa evidenti li l-kondizzjoni saret ghall-kaz li fih wahda mill-partijiet tonqos ghall-obbligazzjoni taghha. Fir-rigward, l-Artikolu 1069 jipprovdi illi:

*...il-parti li lejha l-obbligazzjoni ma tkunx giet esegwita, tista' tagħzel, jekk il- kondizzjoni sseħħ, jew li titlob il-ħall tal-kuntratt, jew li ggiegħel lill-parti l- oħra tesegwixxi l-obbligazzjoni, meta dan ikun possibli.*

*(2) Fil-kaz il-wieħed u l-ieħor, il-konvenut jista' jiġi kkundannat għall-ħlas tad- danni.*

Ghall-Qorti din il-klawsola tfisser illi kwalunuwe ksur tal-kundizzjonijiet miftehma jwasslu *inter alia* ghall-iskwalifika tal-konvenuta mill-Kompetizzjoni u r-rizoluzzjoni tal-ftehim, flimkien mal-obbligu tal-hlas tad-danni u ammonti ohra li jistghu jkunu talvolta ghadhom dovuti lill-Organizzaturi mill-konvenuta.

Dwar il-hlas tal-*entry fee*, il-ftehim huwa car u l-klawsola 3.11 jaghmilha cara illi l-obbligu tal-hlas ta' din il-mizata skatta minnufih mal-iffirmar tal-ftehim u l-

konvenuta kienet marbuta li thallas din il-mizata sad-data stipolata, cioe` sal-15 ta' Gunju 2016. Effettivament, il-ftehim jistipola hekk fil-klawsola 3.11:-

"*The Contestant hereby binds herself to pay the amount of three hundred and fifty Euros (€350) to the Organisers as a fee for entry into the Contest. Such fee is not subject to refund on any ground whatsoever.*" [enfasi tal-Qorti]

Ghaldaqstant, l-ewwel aspett tal-unika eccezzjoni tal-konvenuta - illi l-hlas tal- *entry fee* kienet kondizzjoni sospensiva tal-ezekuzzjoni tal-ftehim – huwa bla siwi u qed jigi respint.

Ikkunsidrat;

Illi fit-tieni binarju tal-eccezzjoni taghha, il-konvenuta eccepiet illi bin-nuqqas taghha stess li thallas il-mizata dovuta fuq l-applikazzjoni ghall-konkors, hija ezonerata milli tezegwixxi a favur tal-atturi l-obbligi minnha assunti taht l-istess ftehim.

Izda l-Qorti ma taqbilx ma' din il-linja difensjonali tal-konvenuta u tqis illi f'kuntratti bilaterali, il-kontraenti ma jistghux jinvokaw l-inadempiment taghhom stess tal-obbligi minnhom assunti a favur il-parti l-ohra, biex jiskartaw l-ezekuzzjoni tal-ftehim. Huwa minnu illi l-eccezzjoni ta' *adimpledum non est adimplendi* tista' tapplika fir-rigward ta' kwalunkwe kuntratt bilaterali, fejn min jonqos li jwettaq l-obbligazzjoni li jkun intrabat biha jkun responsabbli ghad-danni, izda huwa pacifiku illi biex din l-eccezzjoni ssib riskontru, irid jintwera illi l-kreditur tal-obbligazzjoni jkun inadempjenti fl-obbligi tieghu. Intqal hekk in propozitu:-

"*Per exceptio inadempleti conractus si intende, come dice il termine stesso, un'eccezione che il debitore (in base a contratto bilaterale) che venga convenuto dalla contraparte per l'esecuzione della sua propria obbligazione, puo'opporre, se'la contraparte che agisce contra di lui, non abbia, essa stessa, adempiuto, o non sia pronto ad adempiere.*[9]" [enfasi tal-Qorti]

Illi fil-kaz odjern, huwa evidenti li l-kontestazzjoni tal-konvenuta ma tistax tigi meqjusa u kkunsidrata taht l-ottika tal-eccezzjoni ta' *adimplendi non est adimplendum.* Effettivament, ma jirrizultax illi l-konvenuta naqset milli thallas l-*entry fee* ghaliex l-atturi, da parti taghhom, naqsu milli jwettqu xi obbligu nkombenti fuqhom skont il-ftehim. Kieku kellha tigi accettata t-tezi tal-konvenuta, kieku l-ebda ftehim bilaterali ma jigi mwettaq u esegwit ghaliex kull parti kontraenti tkun fil-liberta' li tuza l-

morozita' jew inadempjenza taghha stess taht il-kuntratt sabiex tiggustifika l-hall taghha mill-obbligi assunti a favur tal-kreditur taghha. Dan huwa naccettabbli.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi fit-tieni binarju tal-eccezzjoni taghha, il-konvenuta tfisser il-kontenzjoni taghha ulterjorment billi ssostni li mhux lecitu li l-atturi jitolbu l-ezekuzzjoni tal-ftehim minn min ma hallasx id-depozitu u ma ppartecipax, ghaliex ghall-ezekuzzjoni tal-ftehim u kwindi ghall-hlas tal-penali kontemplat fiz-zewg klawsoli fuq citati, ghandu jigi kkundannat biss min hallas id-depozitu u ma baqa' ma ppartecipax.

Izda kif diga` stabbilit, il-Qorti tqis illi l-ezekuzzjoni tal-ftehim u b'mod partikolari l-obbligu tal-partecipazzjoni, ma kienetx dipendenti fuq il-kondizzjoni tal-hlas tal-*entry fee*. Jigi ribadit illi hekk kif gie konkluz il-patt konvenzjonali, il-konvenuta f'dan il-kaz, intrabtet bl-obbligu tal-hlas tal-*entry fee*, kif ukoll bl-obbligu tal-partecipazzjoni fil-konkors, b'mod illi l-inadempjenza ta' xi wiehed minn dawn l-obbligi ma jista' qatt iwassal biex jezonera lill-kontraent inadempjenti mill-ezekuzzjoni tal-ftehim. Anzi bil-kontra: il-ftehim jistipola manifestament u espressament illi n-nuqqas ta' adempiment ta' kull patt kontrattwali minghajr distinsjoni kellu jwassal ghar-rizoluzzjoni tal-ftehim.

Da parti taghhom, l-atturi jikkontendu illi l-konvenuta kienet hallset €150 akkont tal-*entry fee* ta' €350 minnha dovut, u li kien fadallha thallas bilanc ta' €200. Il-konvenuta tichad dan u tikkontendi li hija ma hallset xejn. B'referenza ghall-messaggi stampati li jidhru fid-dokument a fol. 40 (Dok. B) tal-atti, hija tghid illi l-attur Jeffrey Francalanza talabha thallas is-somma ta' €200 b'kollox izda hi xorta wahda ma hallsithomx, u lanqas hallset is-somma ta' €150 li l istess attur xehed li hija kienet hallset akkont tal-*entry fee*.

Mill-provi prodotti, il-Qorti fehmet illi fit-13 ta' Mejju 2016, cioe` jumejn wara gie konkluz il-ftehim, il-konvenuta hallset is-somma ta' €150 akkont tal-ammont intier dovut skont il-klawsola 3.11, meta attendiet ghal-laqgha generali tal-kontestanti kollha fil-Cavalieri Art Hotel. Il-Qorti ma tqisx illi ghandha taghti affidabbilita' lill-verzjoni tal-konvenuta f'dan ir-rigward ghaliex temmen li s-somma ta' €200 imsemmija fil-messagg f'Dok. B li ntbaghat mill-attur Alan Darmanin fit-3 ta' Gunju 2016, kienet tirreferi ghall-bilanc tal-*entry fee* li kien ghadu ma thallasx mill-konvenuta

fil-laqgha tat-13 ta' Mejju 2016. Il-Qorti hadet qies ukoll ta' dak li xehdet kontestanta ohra Dajana Laketic, prodotta bhala xhud mill-atturi u li kkonfermat illi hija ma kienetx hallset l-*entry fee* kollu f'salt izda hallset is-somma ta' €150 akkont u l-kumplament fi stadju ulterjuri, ghalkemm hija ma setghetx tiftakar jekk l-ammont shih thallas kollu qabel jew wara d-data meta kien dovut skont il-ftehim.

Maghdud dan kollu, il-Qorti ma tistax ma tiehux qies ukoll tal-*invoice book* esebit mill-atturi (Dok. S) li fih notamenti tal-hlasijiet li saru *inter alia* mill-kontestanti fil-konkors in kwistjoni, fejn jirrizulta illi l-isem tal-konvenuta jinsab indikat fost l-ismijiet tal-konkorrenti li ghamlu xi forma ta' hlas in konnessjoni mal-kompetizzjoni. Il-fatt li l-atturi ma kienux f'pozizzjoni li jesebixxu kopja tar-ricevuta jew fattura li huma jghidu li kien inhareg fir-rigward tad-depozitu ta' €150, ma jfissirx li l-hlas ma sarx. Il-Qorti tqis li lanqas ma huwa nkombenti fuq l-atturi li jaghtu prova ta' dan il-hlas biex jirribattu dan l-aspett tal-eccezzjoni tal-konvenuta, ghaliex kif gia' stabbilit, l-obbligu tal-konvenuta ghall-hlas tal-*entry fee*, filwaqt li skatta kif gie konkluz il-ftehim, huwa kondizzjoni rizoluttiva tal-ftehim li f'dan il-kaz, igib mieghu l-effetti kontemplati fl-Artikolu 1069 tal-Kapitolu 16.

Fuq kollox izda, il-Qorti ma temminx lill-konvenuta meta qalet li l-atturi kienu tawha xi koncessjoni specjali biex thallas somma inqas minn dik stipolata fil-ftehim in linea tal-*entry fee*. Wara kollox, il-konvenuta ma tat ebda raguni jew spjegazzjoni kwalsiasi ghala kellha tinghata dan l-iskont fl-ammont tal-*entry fee*.

Ghall-kompletezza, u riferibbilment ghall-allegazzjoni tal-konvenuta illi hija lanqas ippartecipat fil-konkors, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-konvenuta stess ikkonfermat li hadet sehem fil-laqgha generali tat-13 ta' Mejju 2016 u li hija tidher fir-ritratti ta' din il-laqgha (Dok A, fol 39). Jirrizulta wkoll mill-provi li in segwitu ghal din il-laqgha, il-konvenuta mpenjat ruhha ulterjorment li tattendi ghall-*photoshoot* ufficjali skedat ghas-6 ta' Gunju 2016, izda baqghet ma dehritx ghaliha u lanqas regghet ippartecipat iktar fil-konkors.

Ghaldaqstant, in vista ta' dak kollu fuq premess, il-Qorti ma ghandha ebda rizerva tikkonkludi illi l-konvenuta naqset mill-obbligu taghha li thallas il-mizata stipolata fil-klawsola 3.11 kif ukoll mill-obbligu li tikkompeti u tippartecipa bis-shih u b'mod attiv fil-konkors u fl-attivatajiet u mpenni kollha marbutin mieghu bi ksur tal-klawsoli 3.1 u 3.13. Inevitabbilment, il-korollarju ta' dan huwa illi l-atturi ghandhom id-dritt mhux

biss illi jxolju l-ftehim a tenur tal-klawsola 7.1 tal-ftehim, izda jesigu wkoll il-hlas tal-penali kontemplat fil-klawsoli 3.1 u 3.13. Ferm dak kollu premess, jirrizulta wkoll illi teknikament, l-atturi setghu wkoll jesigu minghand il-konvenuta l-hlas tal-bilanc tal-*entry fee* li kien ghadu dovut minnha fis-somma ta' €200, izda jidher li dan ghazlu li ma jaghmluhx.

Ikkunsidrat;

Fuq l-iskorta ta' dak kollu fuq premess u deciz, il-Qorti sejra tghaddi biex tikkonsidra l-kwistjoni tal-hlas tal-penali li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata li thallas skont kif maqbul fil-ftehim. Jigi osservat illi l-konvenuta ma ressqet ebda eccezzjoni li tattakka l-quantum tal-penali stabbilit fil-klawsoli 3.1 u 3.13 tal-ftehim, entrambe fl-ammont ta' €5,000.

Kif ritenut mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Terrence Mirabelli vs James Schembri**, bhala regola, il-penali stipulata bejn il-partijiet kontraenti hija meqjusa bhala klawsola li tirrapprezenta d-danni preventivament likwidati minhabba non-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni.

Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **L-Awtorita` tad-Djar vs Ivan Borg et**, il- Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet hekk in propozitu:-

*"Il-klawsola penali hija għamla ta' danni pre-likwidati li biha l-kreditur tal-obbligazzjoni jeħles mill-obbligu li jipprova li ġarrab ħsara, għaliex jistrieħ biss fuq il-fatt li d-debitur tal-obbligazzjoni ma jkunx wettaq fil-ħin dak li mal-parti l-oħra jkun intrabat li jagħmel. Huwa għalhekk li l-liġi tfisser il-klawsola penali bħala l-obbligazzjoni li wieħed jintrabat biha f'każ li jonqos li jwettaq l- esekuzzjoni ta' ftehim li jkun daħal għalih ma' ħaddieħor."*

Kif del resto sancit fl-Artikolu 1120(3) tal-Kodici Civili, il-partijiet jistghu jistipulaw b'mod esplicitu penali u danni. Izda, dan l-Artikolu jiddisponi illi l-kreditur:-

*"... ma jistax jitlob il-haga principali u l-penali flimkien, hlief meta l-penali tkun giet miftehma ghad-dewmien biss."*

Ikkunsidrat;

Illi f'dan il-kaz, huwa evidenti li l-atturi mhux qeghdin jitolbu l-ezekuzzjoni specifika tal-ftehim, ossia l-partecipazzjoni effettiva tal-konvenuta fil-konkors u fl-attivitajiet

anicallari u relattivi ghall-konkors, u lanqas qeghdin jitolbu l-hlas tal-bilanc dovut fuq l-*entry fee*. Qeghdin jitolbu biss il-hlas tal-penali dovut minhabba l-inadempjenza tal-konvenuta taz-zewg obbligi separati li l-ezekuzzjoni taghhom huma entrambe zgurati b'penali.

Fir-rigward, il-Qorti tosserva illi n-nuqqas tal-konvenuta li tippartecipa fl-attivitajiet imfissrin mill-klawsola numru 3.13 iwasslu necessarjament, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, ghan-nuqqas ta' partecipazzjoni fil-konkors innifsu ghaliex jirrizulta mill-atti illi l-konvenuta kienet naqset milli tippartecipa fl-attivitajiet tal-konkors kwazi mill-bidu nett tal-process u kien evidenti li ma kienetx sejra tippartecipa fil-konkors innifsu.

Stabbilit dan, jehtieg li jigi ezaminat dak li jiddisponi l-Artikolu 1122 tal-Kodici Civili. Dan il-provvediment jistabbilixxi illi l-Qorti ma tistax tnaqqas jew ittaffi l-penali hlief fil-kazijiet specifikati, u cioe`:-

"(a) id-debitur ikun esegwixxa bicca mill-obbligazzjoni, u l-kreditur ikun accetta espressament il-bicca li giet esegwita, jew;

(b) meta jitqiesu c-cirkostanzi partikolari tal-kreditur il-bicca esegwita tkun bic-car swietlu. lzda, f'dan il-kaz, ebda tnaqqis ta' penali ma jista' jsir, jekk id-debitur, meta ntrabat għall-penali, ikun irrinunzja espressament għal kull tnaqqis jew jekk il-penali tkun ġiet miftiehma għad-dewmien biss."

Il-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm f'dan il-kaz ma jirrizultax illi l-penali giet miftehma espressament ghad-dewmien biss, mill-mod kif gew redatti z-zewg klawsoli penali mertu tal-kawza, il-konvenuta ghandha titqies li rrinunzjat espressament ghat-tnaqqis fil-quantum tal-penali, u dan minhabba l-uzu tal- kelma "*non-abatable*" fiz-zewg klawsoli in kwistjoni. Ghalhekk mhux apert lill-Qorti l-fakolta' li timmodera l-effetti tal-klawsola penali, anke jekk rinfaccata b'eccezzjoni illi l-penali hija eccessiva. Madanakollu, il-konvenuta ma ressqet ebda eccezzjoni f'dan is-sens u f'kull kaz il-Qorti hija prekluza minhabba d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1122 tal-Kodici Civili milli ttaffi l-quantum tal-klawsoli penali. Ghaldaqstant, hija ma ghandha ebda ghazla hlief illi tapplika bis-shih fil-konfront tal-konvenuta l-effetti kollha tal-klawzola penali 3.1 kif ukoll 3.13 fl-intier taghhom.

Barra minn hekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, fil-kaz odjern kif rajna l-konvenuta ma esegwiet prattikament ebda parti mill-obbligazzjoni taghha, oltre illi l-atturi xehdu illi

l-lokalita' li kellha tirrapprezenta l-konvenuta fil-Konkors, baqghet mhux rapprezentata minhabba l-agir tal-konvenuta. Fir-rigward, wiehed irid izomm quddiem ghajnejh il-motivazzjoni li ssejjes in-natura tal-penali, li hija dik ta' kumpens tal-hsara li jbati l-kreditur minhabba n-nuqqas ta' ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni principali, kif del resto jistipula is-subartikolu (1) tal-Artikolu 1120 tal-Kodici Civili.

Proprju hawnhekk isib riskontru pjen il-principju ta' *pacta sunt servanda* u l-korollarju tieghu illi l-kuntratti kollha ghandhom jigu ezegwiti in bona fide u li jobbligaw ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skont ix-xorta taghha u bl-ekwita`.

Ghaldaqstant, filwaqt illi l-Qorti tqis li l-eccezzjonijiet tal-konvenuta huma nfondati u qed jigu respinti, hija tal-fehma illi t-talbiet tal-atturi huma siewja u jimmeritaw li jigu akkolti.

Ikkunsidrat finalment;

Rigward it-talba ghall-hlas tal-imghax il-Qorti tosserva illi minkejja li l-atturi jindikaw fir-Rikors promotur li huma pprezentaw ittra ufficjali b'interpellazzjoni lill-konvenuta ghall-hlas tal-ammonti mertu ta' din il-kawza, din l-ittra ufficjali ma gietx esebita in atti u ghalhekk il-Qorti tqis illi d-data tal-ewwel interpellazzjoni ufficjali, ghall-fini tad-dekorriment tal-imghax f'obbligazzjonijiet ta' natura civili, hija dik tal-prezentata tar-Rikors promotur ta' din il-kawza, cioe` is-17 ta' Jannar 2017.'

5. Illi fir-rikors tal-appell intavolat mill-intimata Yanika Borg hija ressqet, fil-qosor, it-tliet aggravji segwenti:

i) Illi l-Ewwel Qorti naqset milli tiehu kont tal-ewwel eccezzjoni tal-intimata abbazi tal-klawsola numru 2.1 tal-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet b'dana li allura s-sentenza tal-ewwel Qorti hija hazina;

ii) Illi l-Ewwel Qorti naqset milli tevalwa u tapplika l-ewwel eccezzjoni tal-intimata abbazi tal-klawsola numru 2.1 tal-ftehim iffirmat bejn il-

partijiet li skont l-intimata ssostni li biex kontestanta tista' tippartecipa fil-konkors trid fost l-ohrajn thallas is-somma ta' €350 entro data pre-stabilita filwaqt li ghamlet biss referenza ghall-klawzola 3.11 tal-ftehim fejn terga' tissemma' s-somma ta' €350 bhala 'entry fee';

iii) It-tielet aggravju jattakka l-apprezzament tal-provi da parti tal-Ewwel Onorabbli Qorti fejn l-appellanti ssostni li l-Ewwel Qorti skartat kompletament il-verzjoni taghha tal-fatti.

6. Illi l-appellati laqghu ghall-aggravvji mqajjma mill-appellanti billi jichdu l-istess, isostnu li l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-fatt hadet konjizzjoni tal-ftehim kollu nkluz il-klawzola 2.1, li d-decizjoni tal-Ewwel Qorti li l-klawzola ma kinitx wahda sospensiva kienet wahda gusta u li fil-mertu d-decizjoni jixirqilha li tigi konfermata.

7. Il-Qorti rat l-atti kollha quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, fliet bir-reqqa d-decizjoni appellata, rat l-atti kollha tal-appell kif ukoll semghet it-trattazzjoni tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fis-seduta tal-21 ta' Gunju, 2019 u ddiferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

8. Illi l-fatti tal-kaz johorgu car minn dak suespost partikolarment mid-decizjoni appellata riportata aktar 'il fuq;

9. L-ewwel u t-tieni aggravju:

Illi din il-Qorti stante li jirrizulta li l-ewwel u t-tieni aggravju tal-appellanti huma kontinwazzjoni ta' xulxin ser tghaddi sabiex titratta dawn l-aggravji flimkien.

Illi fl-ewwel lok l-appellanta tilmenta li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset assolutament milli tiehu konjizzjoni tal-klawzola jew artikolu 2 tal-kuntratt li fuqu hija bbazata l-ewwel eccezzjoni taghha. Ghandu jigi rilevat li effettivament l-appellanti fi stadju tal-prim'istanza ressqet eccezzjoni wahda maqsuma fi tnejn u mhux zewg eccezzjonijiet kif qed issostni fl-appell. Jigi wkoll rilevat li fid-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti l-ewwel paragrafu tar-risposta tal-intimati gie kwotat verbatim filwaqt li l-Ewwel Onorabbli Qorti f'diversi partijiet tad-decizjoni tiddistingwi bejn l-ewwel parti tal-eccezzjoni tal-intimata mit-tieni parti tal-istess eccezzjoni, fil-fatt l-Ewwel Qorti tiddistingwi bejn l-ewwel parti u t-tieni parti billi ssejhilhom l-ewwel aspett tal-ecezzjoni u t-tieni aspett tal-eccezzjoni. Dwar l-ewwel aspett tal-eccezzjoni u cioe' dik li llum l-appellanti qed tilmenta li giet skartata mill-ewwel Qorti, f'pagna 12 tad-decizjoni taghha l-Ewwel Qorti wara konsiderazzjonijiet estensivi ddecidiet illi dan l-ewwel aspett 'huwa bla siwi u qed jigi respint.' Minn dan kollu huwa car li l-ewwel aggravju tal-appellanti li l-Ewwel Qorti naqset milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta mhux gjustifikat u din il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

Illi t-tieni aggravju tal-appellanti huwa fis-sens li filwaqt li l-Ewwel Qorti tat importanza lill-artikolu 3.11 tal-ftehim hija ma kkunsidratx dak li kienet taqra l-klawzola 2.1.1 tal-istess ftehim.

Illi din il-Qorti wara li gharblet sew id-decizjoni tal-Ewwel Qorti tqis li verament l-Ewwel Qorti ma ghamlitx referenza diretta fil-konsiderazzjonijiet taghha ghal din il-klawzola tant li ma ssemmiet imkien fil-konsiderazzjonijiet - filwaqt li semmiet b'mod specifiku l-klawzola 3.11 flimkien ma' diversi klawzoli li whud minnhom jaqghu taht it-titolu fil-ftehim (esebit a fol. 27 et seq) taht it-titolu '6. Limitation of Liability' applikabbli ghall-organizzaturi u mhux ghall-kontestantanta apparti kundizzjonijiet ohra.

Illi l-klawzola 2.1 li tant taghmel emfasi fuqha l-appellanta taqra kif isegwi:

'2.1 The Contestant wishing to participate in the Competition must :
2.1.5: Pay the application fee of €350 by the 15.6.2016.'

Min-naha l-ohra klawzola 3.11 taqra kif isegwi:

'3.11 The Contestant hereby binds herself to pay the amount of three hundred fifty euros (€350) to the Organisers as a fee for entry into the Contest. Such fee is not subject to refund on any ground whatsoever.'

Illi din il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li dawn iz-zewg klawzoli ezistenti fl-istess ftehim jikkontradixxu lil xulxin fis-sens li filwaqt li fil-klawzola 2.1 il-kontestanta hija deskritta bhala kontestanta prospettiva (ara l-kliem 'Contestant wishing') min-naha l-ohra l-klawzola 3.11 tuza l-kelma kontestanta minghajr ebda kwalfika.

Illi din il-Qorti wkoll tinnota kontradizzjoni bejn il-klawzoli mnizzla fil-ftehim partikolarment taht it-titolu 'Contestant Eligibility' bin-numru 2 u l-bqija tal-ftehim fis-sens illi l-klawzoli taht it-titolu 2 jaghmluha cara li l-kontestanta kienet ghadha qed tigi kunsidrata bhala kontestanta prospettiva, f'bosta mill-klawzoli rimanenti tal-ftehim din il-kwalifika tintilef u l-intimata hija deskritta biss bhala kontestanta. Ghalkemm ghandu jinghad li xorta wahda hemm klawzoli li jindikaw il-kontestanta bhala wahda prospettiva oltre l-klawzola 2, ara bhala ezempju l-klawzola 3.7 u l-uzu tal-kliem 'The Contestant who becomes a contestant of the Contest…"

Illi fil-fatt il-Qorti taghmel referenza ghall-klawzoli 2.11 u 2.13 tal-kuntratt li jaqraw kif isegwi:

'2.11 The Contestant hereby clearly understands that her eligibility for the entry into the Contest <u>shall not entitle her</u> to a right to entry and/or participation in the Contest, with such entry and/or participation is being solely and exlcusivly left at the discretion fo the Orgnasier, which discretion they are able to exercise on any ground they demm fit.'

'2.13 The Contestant understands and agrees that all submitted applications will be reviewed by the Orangiser and who in their sole discretion will choose twenty five (25) Contestants to take part in the Miss Universe Malta competition.'

Dawn il-klawzoli jindikaw mill-kliem uzat fihom li sa dak in-nhar tal-iffirmar tal-ftehim in kwistjoni l-kontestanta f'dan il-kaz l-intimata ma

kinitx ghadha konfermata bhala wahda mill-ahhar hamsa u ghoxrin (25) kontestanta finalist altrimenti ghalfejn tidhol klawzola simili fil-ftehim! Fil-fatt anki fil-klawzola 3.7 tal-istess ftehim l-intimata hija deskritta kif isegwi:

'The Contestant who becomes a contestant of the Contest . . ..'
Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-klawzola 2.2 li tuza l-kliem 'in order to be eligibile as a contestant' u tkompli sabiex telenka kundizzjonijiet li jridu jigu sodisfatti bhal li l-kontestanta ma tridx tkun mizzewwga u lanqas li jkollha tfal.

Illi b'zieda ma' dak suespost, specifikatament dwar l-'entry fee' huwa l-istess attur Jeffrey Francalanza fil-kontro-ezami tieghu a fol. 74 tal-process li jikkonferma li l-hlas tal-'entry-fee' huwa neccessarju sabiex kontestanta tkun tista' tippartecipa w'allura sabiex il-ftehim jigi fis-sehh:

'Qed issirli wkoll referenza ghall-klawzola 3.11 li tinsab a fol. thirty tergo tal-process. Naqbel ukoll li dan l-ammont kien jirraprezenta fee fuq entry into the contest kif hemm indikat. Naqbel li effettivament dan l-ammont **kellu jithallas qabel id-data ndikata biex hija tkun eligibbli ghal dan il-kuntest.** *(emfasi tal-Qorti).*

Aktar 'il isfel fl-istess kontro-ezami jerga' jishaq:

'Jekk ma thallasx il-fee ma tistax tippartecipa.'

Tant il-ftehim u l-partecipazzjoni tal-kontestanta kienet suggetta ghall-hlas tal-'entry fee' li l-istess attur ukoll jixhed illi:

'Nghid ukoll illi ahna nfurmajniehom li dawn il-flus jistghu jithallsu permezz ta' sponsor u ghalhekk inkunu tajniehom cans li forsi jgibu l-isponsor.'
B'dan il-Qorti tifhem li allura jekk ma jsibux 'sponsor' il-kontestanti prospettivi setghu jaghzlu li ma jhallsux l-'entry fee' u ma jikkontestawx.

L-istess xehdet partecipanta ohra a fol. 76 kif isegwi:

'Niftakar li kienu qaluli li kellna nissettiljaw il-fee u konna nafu li effettivament kien hemm hlas partikulari. U effettivament jiena kelli sponsor biex inhallas il-kumplament. Kieku ma kellix forsi ma kontx nidhol.'

Dan ifisser li l-kontestanti kienu nghataw x'jifhmu appuntu dak li jghid il-ftehim fi klawzola 2 cioe' li jekk ma tithallasx l-'entry fee' kollha allura ma jkunux ikkunsidrati bhala kontestanti u mhux eligibbli.

Minn dak suespost huwa car li l-kundizzjonijiet fi klawzola 2.1 fosthom il-hlas tal-'entry fee' hija wahda sospensiva kif tinsisti l-appellanti u huwa minnu dak li ssostni l-appellanta fl-eccezzjoni taghha quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti li kieku kien altrimenti u cioe' li 'galadabra ma thallasx, l-atturi pro et noe ma jistghux jitolbu l-ezekuzzjoni tal-penali skont il-ftehim , inkella min ma jhallasx d-depozitu u ma jippartecipax jigi fl-istess keffa ta' dawk li jhallsu d-depozitu u ma jippartecipawx xorta wahda.'

Illi din il-Qorti ma tistax ma zzidx u tirrileva li hija perplessa bil-mod kif huwa redatt dan il-ftehim fejn f'partijiet minnu huwa abbozzat bhala applikazzjoni suggetta ghal certu kundizzjonijiet filwaqt li f'partijiet ohra huwa redatt bhala ftehim definittiv partikolarment f'dik il-parti tal-klawzoli ta' danni pre-likwidati li fuqhom l-atturi appellati sostnew it-talba taghhom quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti.

Illi minn qari tad-decizjoni tal-abbli Ewwel Onorabbli Qorti jirrizulta li dan l-aspett kontradittorju tal-ftehim sfugga lill-istess l-Ewwel Qorti aktar u aktar meta naqset li taghmel aktar emfasi fuq il-klawzola 2.1 u l-bqija tal-klawzoli taht it-tieni titolu tal-ftehim. Din il-Qorti tqis izda li ma tistax fl-ahjar interess tal-gustizzja tinjora dawn il-kontradizzjonijiet evidenti fil-ftehim fejn min-naha f'partijiet minnu dan jghid li huwa suggett ghal certu kundizzjonijiet fosthom il-hlas tal-hekk imsejha 'entry fee' (kif fuq kollox jikkonferma fil-kontro-ezami tieghu stess l-attur Jeffrey Francalanza) filwaqt li f'partijiet ohra jimponi danni prelikwidati minghajr ebda skuzabbli fuq il-kontestanta li mhux car fil-ftehim hijiex kontestanta prospettiva jew kontestanta konfermata.

Illi dak suespost mehud fil-kuntest tal-fatti segwenti rizultanti mill-atti cioe':

1. Illi hemm qbil bejn il-partijet li mill-anqas sad-data mposta fil-kuntratt cioe' l-15 ta' Gunju, 2016 l-intimata appellanti naqset milli thallas parti sostanzjali mill-'entry fee' jekk mhux kollha[1]; u

2. Illi l-partecipazzjoni tal-intimata appellanti giet pruvata biss f'dati qabel id-data tal-15 ta' Gunju, 2016 (id-data sa meta hija kellha thallas l-'entry fee) u mhux wara. Fil-fatt l-ahhar kuntatt li hija kellha kien permezz ta' sms datat 5 ta' Gunju, 2016 esebit fl-atti.

Iwassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li bil-mod kif inhuwa redatt il-ftehim li fuqu qed isejsu t-talba taghhom l-atturi xejn ma huwa redatt b'mod felici b'tali mod li jista' lok ghal diversi nterpretazzjonijiet inkluz l-interpretazzjoni moghti lilu mill-appellanta cioe' li huwa suggett ghal kundizzjoni sospensiva tal-hlas tal-'entry fee' b'dana li f'dan il-kaz huwa nutli li wiehed jemfasizza t-talbiet tieghu fuq il-principju tal-'*pacta sunt servanda'*, kif abilment dettaljati mill-Ewwel Onorabbli Qorti, f'sitwazzjoni fejn lanqas huwa car dak li gie pattwit bejn il-partijiet tant li l-istess atturi jikkonfermaw li l-ftehim huwa suggett ghal certu kundizzjonijiet sospensivi bhalma hija l-hlas tal-'entry fee' filwaqt li min-naha l-ohra jinsistu li l-penali jithallsu fi kwalunkwe kaz, w'ghaldaqstant din il-Qorti tqis li t-tieni aggravju tal-appellanti huwa gjustifikat u jisthoqq li jigi milqugh.

---

[1] Ghalkemm l-intimata appellanta fix-xhieda taghha tal-15 ta' Novembru, 2017 (fol. 54) tishaq li hija ma tat l-ebda deposit filwaqt li l-atturi ma rnexxielhomx iressqu l-prova tal-hlas mill-intimata tant li lanqas ircevuta f'isimha ma setghu jiprovdu.

Illi f'dan l-istadju din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghaz-zewg decizjonijiet li ghamlu referenza ghalihom l-appellati in sostenn tat-talbiet taghhom bl-ewwel wahda tkun dik fl-ismijiet Jeffrey Francalanza et vs. Casey Pace (deciza nhar il-15 ta' Jannar, 2015 Mag CSH) u l-ohra

Suzanne Rossi vs. Diandra Agius (deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell nhar is-27 ta' Gunju, 2014) u tirrileva li minn analizi tal-istess, dawn iz-zewg decizjonijiet ma jistghux isostnu t-tezi tal-appellati stante li fl-ewwel decizjoni msemmija d-decizjoni nghatat f'ambitu li l-intimata kienet kontumaci filwaqt li l-fatti in mertu fit-tieni decizjoni kienu kompletament diversi minn dawk odjerni.

10. It-tielet aggravju

Illi stante li din il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' t-tieni aggravju tal-appellanti li neccessarjament iwassal lil din il-Qorti sabiex tirrevoka d-decizjoni appellata, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimata appellanti u tichad it-talbiet tal-atturi din il-Qorti ma tqisx li hemm il-bzonn li tinoltra ruhha oltre fit-tielet aggravju mqajjem mill-istess appellant u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi dan l-appell kif isegwi:

i) tichad l-ewwel aggravju tal-appellanti;

ii) tilqa' t-tieni aggravju tal-appellanti u konsegwentement tilqa' l-appell tal-appellanti tirrevoka, thassar u tikkancella s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet premessi datata 26 ta' Marzu, 2019 filwaqt li tghaddi sabiex tilqa' r-risposta/ecezzjonijiet tal-intimata appellanti u tichad it-talbiet kollha attrici.

iii) Bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi, salv dawk tal-ewwel aggravju suespost li ghandhom jithallsu mill-intimata appellanti, kontra l-atturi appellati.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Imhallef

(ft.) Maureen Xuereb
Deputat Registratur

Vera kopja

D/Registratur